



# *Personalitajiet importanti fl-ewwel snin tat-twaqqif tal-knisja l-qadima u l-kolleġjata*



F'dan l-artiklu ta' din is-sena ser nagħti ħarsa lejn uħud minn dawk ir-reliġjużi li ħadmu biex iġibu 'l quddiem lir-raħal ta' Birkirkara flimkien mal-ħidma tagħhom bla wafqien b'risq in-nies ta' din il-lokalità li magħha kienu jagħmlu wkoll numru ta' rħula oħrajn qabel ma dawn inqatgħu minn mal-Matriċi meta saru parroċċa għalihom.

L-ewwel qassis li ħa nsemmi huwa Kalkariż Dun Matteo Galea li kien ġie elett minn Mons. De Melo fis-sena 1436 bħala kappillan. Ġie promoss fis-sena 1445 bħala kappillan maġġur tal-katidral. Matul il-parrokkat tiegħu ċertu Manfredu Xeberras minn flusu kien bena il-knisja filjali iddedikata lil Marija Annunzjata.

Dun Michele Falzon, li kien mill-Birgu u ġej minn familja benestante, laħaq kappillan ta' Birkirkara fis-sena 1460 u dam imexxi sas-sena 1469. Fis-sena 1490 kien ġie nominat vigarju kapitulari ta' żewġ isqfijiet Mons. Paterno u Mons. Valguarnera. Miet fis-sena 1496.



Fis-sena 1508, il-parroċċa ta' Birkirkara kella bħala kappillan lil Dun Nerik De Bordino, li kien minn Għawdex. Kien ukoll Kanonku Kantur tal-katidral. Għamel żmien ukoll imexxi l-knisja f'Malta bħala Vigarju Ġenerali meta fis-sena 1515 l-Isqof Giovanni de Sepulveda kien ħalla l-Veskovat. Miet b'diżgrazzja fis-sena 1519.

Dun Filippo Borgia kien ġie elett mill-isqof Mons. Tommaso Gargallo fis-sena 1575. Kien duttur tal-liġi tas-Sagra Teoloġija, Promotorju Appostoliku, Ġudikatur u Eżaminatur Sinodali. Għal darbtejn Pro Inkwiżitur ta' Malta, fis-sena 1621 kien inkarigat mill-isqfijiet Tommaso Galgalo u Cagliares bħala Konsulent tas-Sant' Uffiċju. Suġġett distint għad-duttrina prudenza u virtujiet tajbin oħra. Kien maħbub ferm mill-Gran Mastri Adolf de Wignacourt u Antione de Paule u miżmum bi stima kbira minn bosta oħra.

Fis-sena 1608 ġie nominat Kanonku Dekan tal-Knisja Katridrali, kariga li kien ħalla sena wara biex aktar tard fis-sena 1609 waqqaf il-kolleġjata ta' Birkirkara. Hawnekk huwa kien il-fundatur u l-ewwel Prepostu tal-Kolleġjata ta' Birkirkara. Opra oħra tiegħu kien il-bini tas-sabiħa knisja l-qadima tar-raħal.

Mimli b'ħafna merti, huwa miet nhar it- 8 t'Ottubru tas-sena 1649. Għall-ġieħ u l-mertu tiegħu ġie mqiegħed ritratt tiegħu fis-Sagristija tal-Knisja b'kitba li tinqara hekk: *'Dan kien l-aħħar kappillan u l-ewwel Prepostù*




Dun Gio Batta Zarb duttur tal-liġi, elett Vigarju Perpetwu fis-sena 1644, kien assessur tal-isqfijiet Balaguer u Bueno. Kien dotat b'ħafna duttrina u atti ta' ħniena. Miet nhar il-25 ta' Awwissu 1677. Hemm ritratt tiegħu fil-kulleġġ tal-Patrijiet Ġiżwiti. Ħuħ kien Dun Antonio Zarb, li għamel żmien kappillan tal-parroċċa ta' Ħ'Attard.

Hemm ħafna ismijiet importanti oħrajn fl-istorja tal-Kolleġjata u tar-raħal ta' Birkirkara, li dwarhom nikteb aktar fil-ħarġa tas-sena d-dieħla.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd**

*Mario Fenech*


GĦAQDA MUŻIKALI SANT' ELENA A.D.1919

Il-Kumitat Ċentrali jixtieq jawgura l-Festa t-Tajba lill-Membri tal-Għaqda Mużikali Sant' Elena kif ukoll lill-Karkariżi kollha.